



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

12829/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0230 (COD)

CLIMA 257
ENV 797
AGRI 519
FORETS 36
ONU 122
CODEC 1504

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12330/17	
Nru dok. Cion:	11494/16 - COM(2016) 479 Final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-laqgħa tiegħu fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 għall-Unjoni Ewropea u approva mira vinkolanti tal-UE għal tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990¹. Din il-mira tirrappreżenta wkoll il-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali (INDC) tal-UE u l-Istati Membri tagħha, li ġie ppreżentat lill-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fihom gwida speċifika, fost l-oħrajn, dwar il-metodoloġija li għandha tintuża biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, u dwar id-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' flessibbiltà f'dawk is-setturi.
2. Fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti legiſlattivi dwar il-kontribut tas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS għall-isforz globali: dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 ("Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi")², u dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 ("Regolament LULUCF")³. Flimkien mal-proposta għar-reviżjoni tal-EU ETS, dawn huma maħsubin biex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira globali tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u li jiġiharsu l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri skont il-Ftehim ta' Pariġi.
3. Ir-Regolament LULUCF propost, li jibni fuq ir-regoli tal-kontabbiltà eżistenti għall-UE kollha li huma stipulati fid-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE, għandu l-għan li jinkludi s-settur LULUCF fil-qafas tal-politika dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Il-proposta titlob li l-Istati Membri jiżguraw li b'mod ġenerali s-settur LULUCF tagħhom ma jiġġenerax emissjonijiet netti (ir-"regola ta' bla debitu") u tistabbilixxi regoli tal-kontabbiltà għal setturi speċifiċi marbutin mal-użu tal-art. Il-proposta tintroduċi wkoll proċess ġdid ta' governanza tal-UE biex jiġu ddeterminati l-livelli ta' referenza għall-ġestjoni tal-foresti.

¹ Dok. EUCO 169/14

² Dok. 11483/16 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

³ Dok. 11494/16 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

4. Fil-Parlament Ewropew, is-Sur Norbert LINS (PPE, DE) inġatar rapporteur għall-proposta f'isem il-Kumitat ENVI. Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament adotta 64 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni taw l-opinjoni tagħhom fl-14 ta' Diċembru 2016 u fit-22-23 ta' Marzu 2017, rispettivament.
6. Fil-livell tal-Kunsill (Ambjent) il-proposta ġiet diskussa l-aktar tard fid-19 ta' Ġunju 2017, flimkien mal-proposta dwar ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi fuq il-bażi ta' rapport ta' progress⁴.
7. Fis-27 ta' Settembru 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-proposta fuq il-bażi ta' test ta' kompromess tal-Presidenza⁵ u qabel li jibgħat il-proposta lill-Kunsill (Ambjent) bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tiegħu fit-13 ta' Ottubru 2017.

Mid-diskussjoni, il-Presidenza siltet il-konklużjoni li l-kompromess tal-Presidenza kif inhu bħalissa jirrappreżenta bilanċ delikat u li l-kwistjonijiet pendenti ewlenin marbutin mal-flessibbiltà tal-art forestali ġestita jkollhom jiġu solvuti fil-livell politiku.

⁴ Dok. 9861/17.

⁵ Dok. 12330/17

8. Għaldaqstant, il-Presidenza ddeċidiet li taġġusta t-test sa punt limitat biss:

- ġew inklużi fit-test kjarifiki oħrajn marbutin mal-iffissar tal-livelli ta' referenza għall-foresti mmirati lejn ċirkostanzi ferm speċifiċi marbutin mal-pajjiżi (premissa 9 u Anness IV);
- il-premissa 10 marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar il-"governanza" ssaħħet;
- it-test fi premissa 15 dwar ir-rapportar issaħħaħ.

Il-kompromess emendat tal-Presidenza jinsab fl-Anness għal din in-nota⁶.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

9. Matul id-diskussjonijiet dwar il-proposta, il-punt ewlieni ta' diverġenza fost l-Istati Membri kien ir-regoli tal-kontabbiltà għall-art forestali ġestita u b'mod partikolari l-perijodu ta' referenza għal-livell ta' referenza għall-foresti.

Għadd ta' Stati Membri appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni li jkun hemm livell ta' referenza għall-foresti msejjes fuq perijodu storiku, filwaqt li argumentaw li dan jiżgura bl-aħjar mod l-integrità ambjentali tal-proposta għax jeskludi influwenzi ta' politiki reċenti. Madankollu, għal għadd ta' Stati Membri oħrajn tali perijodu storiku jidher kemxejn arbitrarju u ta' żvantaġġ minħabba l-fatt li ċ-ċirkostanzi nazzjonali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Huma jsibuha diffiċli biex ikomplu bi Prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-foresti li f'xi każijiet ifisser żieda fir-rati tal-ħsad meta mqabbla mal-perijodu ta' referenza. Huma argumentaw favur perijodi differenti, bosta favur perijodi aktar reċenti, bix-xewqa li jinkludu politiki futuri.

⁶ Is-suġġerimenti ġodda tal-Presidenza meta mqabbla mat-test preċedenti huma mmarkati **b'tipa grassa u sottolinjata**. It-tfassir hu indikat bi [...]. Il-bidliet preċedenti għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni huma indikati f'dan it-test bħala sottolinjati.

10. Sabiex tiġi pprovduta triq 'il quddiem, ġie ssuġġerit approċċ ieħor li permezz tiegħu l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-livell ta' referenza għall-foresti nżammet (filwaqt li madankollu l-perijodu ta' referenza nbidel għall-2000 - 2009) filwaqt li sar possibbli li l-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet ikkontabbilizzati tagħhom għall-art forestali ġestita sa ċertu livell. Dan l-approċċ ma kisibx biżżejjed appoġġ, fost affarijiet oħra minħabba li għadd kbir ħafna ta' Stati Membri insistew li jinżammu r-regoli tal-kontabbiltà kif proposti mill-Kummissjoni.
11. Il-Presidenza sussegwentement ipproponiet li r-regoli tal-kontabbiltà kif issuġġeriti mill-Kummissjoni jinżammu u minflok tiżdied flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri fl-għamla ta' flessibbiltà tal-art forestali ġestita. Din il-flessibbiltà l-ġdida tippermetti lill-Istati Membri jikkompensaw għal emissjonijiet sabiex iħarsu l-impenn fl-Artikolu 4 (ir-"regola ta' bla debitu").

L-użu tal-flessibbiltà huwa soġġett għal ċerti kondizzjonijiet biex jiġi żgurat li tinżamm l-integrità ambjentali tal-proposta, fost oħrajn li ser tiġi applikata biss jekk l-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF ikunu bbilanċjati fl-UE kollha kemm hi (il-"kondizzjoni ta' bla debitu tal-UE") u l-Istati Membri jkunu poġġew fil-prattika jew ikunu ser ipoġġu fil-prattika miżuri konkreti biex tiġi żgurata l-konservazzjoni jew it-tiżiħ, skont il-każ, ta' bjar u ġibjuni mill-foresti mhux aktar tard mill-2050. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jieħdu kumpens biss sa ammont massimu u biss sal-livell fejn il-foresti tagħhom jibqgħu jiġġeneraw bir. Jenħtieġ li dawn il-kondizzjonijiet jipprovdu lill-Istati Membri b'inċentivi biex iżommu u jsaħħu l-bir tagħhom tul il-perijodu ta' 10 snin tar-Regolament LULUCF.

Sussegwentement, għal kull Stat Membru hemm disponibbli ammont fiss ta' kumpens potenzjali fuq il-bażi tal-bir medju tagħhom għall-perijodu mill-2000 sal-2009 li jista' jintuża tul il-perijodu ta' 10 snin u b'hekk l-Istati Membri jingħataw ċerta flessibbiltà u prevedibbiltà. L-ammonti individwali ta' kumpens iwasslu għal total ta' 360 Mt CO₂ ekwivalenti tul 10 snin, f'tit anqas minn 10 % tal-bir totali tal-UE tul il-perijodu ta' referenza mill-2000 sal-2009.

Is-sehem relattiv tal-Istati Membri jiżdied bħala funzjoni tal-kopertura tal-foresti tagħhom u d-daqs tagħhom.

12. Wara diskussjonijiet intensivi, l-approċċ li l-livell ta' referenza għall-foresti jissejjes fuq il-perijodu mill-2000 sal-2009 u li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fl-għamla ta' flessibbiltà separata għall-art forestali ġestita issa ġie aċċettat mid-delegazzjonijiet kollha bħala l-bażi biex jintlaħaq qbil dwar il-proposta LULUCF.

L-istruttura ġenerali tal-flessibbiltà l-ġdida ġiet appoġġata minn maġġoranza kbira ħafna. Għadd ta' delegazzjonijiet jenfasizzaw b'mod partikolari li ż-żamma tar-regoli tal-kontabbiltà proposti, il-perijodu ta' referenza storiku bħala l-bażi għall-iffissar tal-livell ta' referenza għall-foresti, il-kondizzjoni ta' bla debitu tal-UE u l-esklużjoni tad-deforestazzjoni mill-flessibbiltà ġdida huma elementi kruċjali għalihom.

Għadd konsiderevoli ta' delegazzjonijiet huma lesti jappoġġaw il-proposta dwar il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita kif inhi. Xi delegazzjonijiet ser jappoġġawha bil-kondizzjoni li l-bilanċ u l-elementi tal-kompromess ma jintmessewx aktar.

Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet għad għandhom tħassib dwar xi wħud mill-modalitajiet tal-flessibbiltà u/jew l-ammont totali tal-kumpens. Partikolarment:

- a) Għadd ta' delegazzjonijiet iżommu riżervi fuq l-ammont massimu ta' kumpens (Anness VII) kif propost mill-Presidenza u jargumentaw favur ammont iżgħar. Xi wħud minn dawn id-delegazzjonijiet kienu jippreferu wkoll jibbażaw il-kumpens fuq bjar futuri minflok bjar passati, minħabba li jsostnu li dan jipprovdi inċentiv aħjar biex isiru l-manutenzjoni u t-titjib tal-bjar.

- b) Xi delegazzjonijiet oħrajn iżommu riżervi fuq il-kriterji għall-kalkolu tal-ammont ta' kumpens, speċifikament id-divrenzjar bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tad-daqs tal-foresti u tal-art, filwaqt li jsostnu li dawn huma arbitrarji u inġusti. Huma jippreferu distribuzzjoni aktar lineari fost l-Istati Membri. Waħda mid-delegazzjonijiet ressqet proposta f'dan is-sens li tagħti lil kull Stat Membru kumpens ta' 12 % tal-bir annwali medju tagħhom għall-2000 - 2009, bl-għażla li tiżdied l-intensità baxxa tal-ħsad fil-passat bħala kriterju ieħor għad-distribuzzjoni (anqas mill-medja tal-UE). Din il-proposta ntlaqgħet b'appoġġ jew interess minn uħud mid-delegazzjonijiet l-oħrajn.
- c) Uħud mid-delegazzjonijiet għadhom imħassba dwar il-"kondizzjoni ta' bla debitu tal-UE" (Artikolu 11a (2) b)).
13. Żewġ delegazzjonijiet isostnu li huma jinsabu f'ċirkostanzi partikolari u għaldaqstant li l-kompromess kif propost mill-Presidenza bħalissa ma jindirizzax il-problemi tagħhom b'mod suffiċjenti.
- (a) Waħda mid-delegazzjonijiet qajmet il-problemi marbutin mad-deforestazzjoni (b'mod partikolari marbutin mal-imgħoddi). L-Istat Membru għandu kopertura tal-foresti għolja ħafna u minħabba ċirkostanzi ġeografiċi oħrajn għandu possibbiltajiet limitati għal aktar afforestazzjoni. Id-delegazzjoni tipproponi li jkun permess kumpens għad-deforestazzjoni f'ċerti ċirkostanzi (kopertura tal-foresti 'l fuq minn 60 % u biss għal deforestazzjoni li tkun seħħet sa tmiem l-2020) u li jiżdied l-ammont ta' kumpens għaliha.
- Filwaqt li l-proposta ntlaqgħet b'ċertu komprensja, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet ma kinux f'pożizzjoni li jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-proposta f'dan l-istadju.
- (b) Delegazzjoni oħra semmiet li ser tiġi affettwata waqt il-perijodu ta' referenza minn avveniment "katastrofiku" passat u pproponiet li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti deroga mill-perijodu ta' referenza jew inkella li l-Istat Membru jirċievi ammont akbar ta' kumpens.
- Il-Presidenza, ara hawn fuq, tipproponi li twieġeb għat-tħassib li tqajjem billi żżid kjarifiki oħrajn marbutin mal-iffissar tal-livelli ta' referenza għall-foresti b'tali mod li jitqiesu avvenimenti bħal dawn.

14. Sabiex jiġi indirizzat tħassib speċifiku marbut mal-kunsiderazzjoni tal-istruttura tal-età tal-foresti meta jiġi ddeterminat il-livell ta' referenza għall-foresti, il-Kummissjoni qablet li tagħmel dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

V. **KONKLUŻJONI**

15. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta approċċ ġenerali fuq il-bażi tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

L-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-Proċedura Leġislattiva Ordinaria.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 [...] u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-anqas 40 % ta' gassijiet serra fis-settur ekonomiku kollu sal-2030 meta mqabbel mal-1990 ġiet approvata fil-[...] konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u dan kien ikkonfermat mill-ġdid fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 u t-18 ta' Marzu 2016. [...]

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 iddikjaraw li jenħtieġ li l-mira titwettag b'mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, bit-naqqis fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet tal-Unjoni ("EU ETS") stipulati fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u s-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammontaw għal 43 % u 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005 rispettivament, bl-isforzi distribwiti abbażi tal-PDG per capita relattiv.
- (3) Dan ir-Regolament jifforma parti wkoll mill-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi¹⁰ adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC") li ġie rratifikat fisem l-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841¹¹. L-impenn tal-Unjoni għat-naqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha jinsab fil-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali ppreżentat fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. [...]
- (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi mira fit-tul f'konformità mal-għan li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt iż-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sal-1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-Partijiet għandhom iħejju, jikkomunikaw u jżommu kontributi suċċessivi determinati fil-livell nazzjonali. Il-Ftehim ta' Pariġi jissostitwixxi l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto, tal-1997 li mhux ser jitkompla wara l-2020. Il-Ftehim ta' Pariġi jitlob ukoll bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, u jistieden lill-Partijiet biex jieħdu azzjoni sabiex jikkonservaw u jtejbu, kif xieraq, bjar u ġibjuni ta' gassijiet serra, inklużi foresti.

⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

¹⁰ Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

¹¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

- (5) Il-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014 irrikonoxxa [...] l-għanijiet multipli tas-settur tal-agrikoltura u l-użu tal-art, bil-potenzjal ta' mitigazzjoni inferjuri kif ukoll il-ħtieġa ta' żgurar ta' koerenza bejn l-għanijiet tas-sigurtà alimentari u tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-aħjar mod biex thegħeġ l-intensifikazzjoni sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li tottimizza l-kontribut tas-settur għall-mitigazzjoni u s-sekwestru tal-gassijiet serra, fosthom permezz tal-afforestazzjoni, u biex tistabbilixxi politika dwar kif jiġi inkluż l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") fil-Qafas ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-2030 malli l-kundizzjonijiet tekniċi jippermettu dan u fi kwalunkwe każ qabel l-2020.
- (6) Is-settur tal-LULUCF jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, u jinżammu u jiżiedu l-bjar u l-ħażniet tal-karbonju. Sabiex il-miżuri li għandhom l-għan li b'mod partikolari jżidu s-sekwestru tal-karbonju jkunu effettivi, hemm bżonn tal-istabbiltà u l-adattabbiltà fit-tul tar-raggruppamenti tal-karbonju.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², bħala l-ewwel pass, tistabbilixxi regoli tal-kontabbiltà applikabbli għall-emissjonijiet u l-assorbimenti [...] mis-settur tal-LULUCF u b'hekk ikkontribwiet għall-iżvilupp tal-politika għall-inklużjoni tas-settur tal-LULUCF fl-impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-Regolament għandu jibni fuq ir-regoli tal-kontabbiltà eżistenti, u jaġġornahom u jtejjibhom għall-perijodu 2021-2030. Għandu jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli tal-kontabbiltà u l-obbligu biex jiżgura li s-settur tal-LULUCF globali [...] ma jiġġenerax emissjonijiet netti u jikkontribwixxi għall-mira tat-tisħiħ ta' bjar fuq medda twila ta' żmien. Din ma għandha tistabbilixxi l-ebda obbligu ta' kontabbiltà jew ta' rapportar għal partijiet privati.

¹² Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabbiltà dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 80)

- (8) Sabiex jiġu determinati kontijiet preċiżi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra (IPCC) tal-2006 (il-"Linji Gwida tal-IPCC"), il-valuri rapportati kull sena skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ għall-kategoriji tal-użu tal-art u l-konverżjonijiet fost il-kategoriji tal-użu tal-art għandhom jiġu użati, biex b'hekk jiġu simplifikati l-approċċi użati skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto. Art li tiġi konvertita f'kategorija tal-użu tal-art oħra għandha tiġi meqjusa fi transizzjoni għal dik il-kategorija għall-valur prestabbilit ta' 20 sena fil-Linji Gwida tal-IPCC. Il-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi għandhom ikunu riflessi, kif xieraq, fir-rekwiżiti ta' rapportar skont dan ir-Regolament.
- (9) L-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-art forestali jiddependu fuq għadd ta' ċirkostanzi naturali, [...] karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età, kif ukoll il-prattiki ta' ġestjoni tal-passat u tal-preżent. L-użu ta' sena bażi ma jagħmilhiex possibbli li daww il-fatturi u l-impatti ċikliċi li jirriżultaw jiġu riflessi fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti jew il-varjazzjoni interannwali tagħhom. Jenħtieġ minflok li r-regoli tal-kontabbiltà rilevanti jipprevedu l-użu ta' livelli referenzjarji biex jiġu esklużi l-effetti ta' karatteristiċi naturali u speċifiċi għall-pajjiż, **inkluż l-okkupazzjoni tat-territorju, żmien il-gwerra u ċ-ċirkostanzi ta' wara l-gwerra li għandhom impatt fuq il-ġestjoni tal-foresti matul il-perijodu ta' referenza.** [...] Jenħtieġ li l-livelli ta' referenza għall-foresti jqisu kwalunkwe struttura tal-età tal-foresta żbilanċjata u m'għandhomx jillimitaw bla bżonn l-intensità futura tal-ġestjoni tal-foresti, bil-għan li jinżamm jew jissaħħaħ il-bir ta' karbonju fit-tul.

[...]

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

- (9a) Fl-assenza tar-rieżami internazzjonali skont l-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' rieżami biex tiġi żgurata t-trasparenza u titjeb il-kwalità tal-kontabbiltà f'din il-kategorija.
- (10) Meta l-Kummissjoni tivvaluta [...] r-rapporti nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti fihom, jenħtieġ li tibni fuq il-prattika tajba u l-esperjenza tar-rieżamijiet esperti skont l-UNFCCC, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' esperti nazzjonali [...]. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-esperti mill-Istati Membri [...] jkunu involuti fil-valutazzjoni teknika dwar jekk il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti ġewx determinati f'konformità [...] mal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.**
- (11) Il-Linji Gwida tal-IPCC miftiehna fuq livell internazzjonali jiddikjaraw li l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa jistgħu jiġu kkontabbilizzati bħala żero fis-settur tal-enerġija bil-kondizzjoni li dawn l-emissjonijiet jittieħed kont tagħhom fis-settur tal-LULUCF. Fl-[...]Unjoni, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa huma kkontabbilizzati bħala żero skont l-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012¹⁴ u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 525/2013, b'hekk il-konsistenza mal-Linji Gwida tal-IPCC tiġi żgurata biss jekk dawn l-emissjonijiet [...] ikunu riflessi [...] b'mod preċiż skont dan ir-Regolament.
- (12) L-użu sostenibbli miżjud ta' prodotti tal-injam maħsud jista' jillimita b'mod sostanzjali l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera u jsaħħaħ l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-atmosfera. Jenħtieġ li r-regoli tal-kontabbiltà jiżguraw li l-Istati Membri jirriflettu b'mod preċiż u b'mod trasparenti fil-kontijiet tagħhom il-bidliet fir-raggruppament tal-prodotti tal-injam maħsud meta dawn iseħħu, biex jiġu pprovduti inċentivi għall-użu msaħħaħ ta' prodotti tal-injam maħsud b'ċikli twal tal-ħajja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippровdi gwida dwar kwistjonijiet metodoloġiċi relatati mal-kontabbiltà għal prodotti tal-injam maħsud.

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

- (13) Id-disturbi naturali, bħan-nirien fil-foresti, l-infestazzjonijiet mill-insetti u mill-mard, l-avvenimenti estremi tat-temp u d-disturbi ġeoloġiċi li mhumex fil-kontroll ta' Stat Membru, u mhumex influwenzati b'mod materjali minnu, jistgħu jirriżultaw f'emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' natura temporanja fis-settur tal-LULUCF, jew jistgħu jikkawżaw inverżjonijiet ta' assorbimenti preċedenti. Peress li inverżjoni tista' tkun ukoll ir-riżultat ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni, bħad-deċiżjonijiet li jinħasdu jew li jitħawlu siġar, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li inverżjonijiet tal-assorbimenti kkawżati mill-bniedem jiġu dejjem riflessi b'mod preċiż fil-kontijiet tas-settur tal-LULUCF. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi possibbiltà limitata lill-Istati Membri li jeskludu mill-kontijiet tagħhom tas-settur tal-LULUCF l-emissjonijiet li jirriżultaw minn disturbi li ma jkollhomx kontroll fuqhom. Madankollu, il-mod li bih l-Istati Membri japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet ma għandux iwassal għal sottokontabbilizzazzjoni eċċessiva.
- (14) Skont il-preferenzi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu politiki nazzjonali xierqa għall-kisba tal-impenji tagħhom fil-LULUCF, inkluż il-possibbiltà li [...] jiġu bbilanċjati emissjonijiet minn waħda mill-kategoriji tal-art bl-assorbimenti minn kategorija tal-art oħra. Jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jakkumulaw assorbimenti netti tul il-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2030. Jenħtieġ li n-negozjar fost l-Istati Membri jkompli bħala għażla addizzjonali jew inkella, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti f'konformità mar-Regolament [ESR] għall-konformità skont dan ir-Regolament. [...]
- (14a) Art forestali ġestita b'mod sostenibbli, normalment tiġġenera bir, li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni fil-klima. Matul [...] il-perijodu ta' referenza 2000-2009 l-bir medju rrapportat [...] minn art forestali ġestita kien ta' 372 miljun tunnellata ta' ekwivalenti CO2 għall-Unjoni kollha kemm hi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-konservazzjoni u t-titjib, kif xieraq, ta' bjar u ġibjuni mill-foresti bil-għan li jintlaħqu l-finijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u jinkisbu l-miri ambizzjużi tal-Unjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050.

- (14b) [...] L-assorbimenti minn art forestali ġestita jiġu kkontabbilizzati kontra [...] livell ta' referenza għall-foresti li jħares 'il quddiem. Il-bir futur ipproġettat huwa bbażat fuq estrapolazzjoni ta' Prattiki ta' ġestjoni u intensità tal-foresti minn perijodu ta' referenza. Tnaqqis fil-bir relattiv għal-livell ta' referenza jitqies bħala emissjonijiet. [...] Jenħtieġ li jittieħed kont ta' ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali speċifiċi, bħall-intensità tal-ħsad inqas mis-soltu jew foresti li qed jixjieħu matul il-perijodu ta' referenza [...].
- (14c) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ftit flessibbiltà biex temporanjament iżidu l-intensità tal-ħsad tagħhom f'konformità mal-prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-foresti konsistenti mal-oġettiv stipulat bil-Ftehim ta' Pariġi sakemm fl-Unjoni l-emissjonijiet totali ma jaqbżux l-assorbimenti fis-settur tal-LULUCF globali. Skont din il-flessibbiltà, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jingħataw ammont bażiku kkalkolat fuq il-bażi ta' fattur ta' kumpens espress bħala perċentwal tal-bir rreġistrat tagħhom fis-snin mill-2000 sal-2009 biex jikkumpensa għall-emissjonijiet kkontabbilizzati tiegħu minn art forestali ġestita. Jenħtieġ li jkun żgurat li l-Istati Membri jistgħu biss jiġu kkompensati sal-livell fejn il-foresti tagħhom ma tibqax tiġġenera bir.
- (14d) Stati Membri aktar forestali u b'mod partikolari Stati Membri iżgħar forestali huma aktar dipendenti fuq art forestali ġestita biex jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet f'kategoriji oħra ta' kontabbiltà u għalhekk ser ikun affettwati fi grad ogħla u ser ikollhom potenzjal limitat biex iżidu l-kopertura tal-foresti tagħhom. Jenħtieġ li l-perċentwal jidied abbażi tal-kopertura tal-foresti u tal-art sabiex l-Istati Membri b'żona ta' art żgħira ħafna u kopertura tal-foresti għolja ħafna meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni, jingħataw l-ogħla perċentwal tal-bir tagħhom għall-perijodu ta' referenza.

- (15) Biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-Istati Membri fl-ilħuq tal-impenn tagħhom skont dan ir-Regolament u biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-kompletezza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni bid-data tal-inventarju tal-gassijiet serra rilevanti. Sabiex jiġi żgurat rapportar effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi u verifika tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità mal-impenji tal-Istati Membri, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' rapportar jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 [...], u jenħtieġ li l-kontrolli tal-konformità skont dan ir-Regolament iqisu daww ir-rapporti. [...]. Jekk Stat Membru [...] għandu l-ħsieb japplika l-flessibbiltà rigward l-art forestali ġestita, jenħtieġ li jinkludi fir-rapport ta' konformità l-ammont ta' kumpens [...] li biħsiebu juża.
- (15a) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi emendat skont dan.
- (15b) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tibqa' tapplika l-obbligi ta' kontabbiltà u rappurtar għall-perijodu ta' kontabbiltà mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-perijodi ta' kontabbiltà mill-1 ta' Jannar 2021.
- (15c) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tiġi emendata skont dan.
- (16) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tassisti lill-Kummissjoni, kif xieraq f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tagħha, bis-sistema ta' rapportar annwali tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-valutazzjoni ta' informazzjoni dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet nazzjonali, l-evalwazzjoni ta' politiki u miżuri addizzjonali ppjanati, u l-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

- (17) Biex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' data u t-titjib tal-metodoloġija, jenħtieġ li l-użu tal-art jiġi nnumerat u rapportat bl-użu ta' traċċar ġeografiku ta' kull żona ta' art, li jikkorrispondi għas-sistemi ta' ġbir ta' data nazzjonali u [...] tal-Unjoni. Għall-ġbir ta' data jenħtieġ [...] li jsir l-aħjar użu minn programmi u sħarriġ eżistenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri [...]. Jenħtieġ li l-ġestjoni tad-data, inkluż il-kondiviżjoni għall-użu mill-ġdid u d-disseminazzjoni tar-rapportar tikkonforma mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵[...].
- (18) Sabiex tiġi prevista l-kontabbiltà xierqa tat-transazzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' flessibbiltajiet u konformità tat-traċċar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' [...] adattament tekniku ta' definizzjonijiet, inkluż il-valuri minimi għad-definizzjoni tal-foresti, listi ta' gassijiet serra u raggruppamenti ta' karbonju, [...] [...], il-kontabbiltà tat-transazzjonijiet u r-reviżjoni tar-rekwiżiti ta' metodoloġija u informazzjoni fir-rigward tad-disturbi naturali. [...] Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fi strument uniku [...] li jikkombina d-dispożizzjonijiet dwar il-kontabbiltà skont id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, ir-Regolament [ESR] [...] u dan ir-Regolament. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹⁵ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- (18a) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni [...] tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontabbiltà ta' art forestali ġestita mill-Istati Membri [...], jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-livelli ta' referenza għall-foresti tal-Istati Membri għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 rispettivament. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶. [...]
- (19) Jenħtieġ li jsir rieżami ta' dan ir-Regolament mill-2024 u fl-2029 [...] sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament kumplessiv tiegħu. Jenħtieġ li r-rieżami jqis, fost l-oħrajn, iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu u jkun [...] informat bir-riżultati tad-Djalogu Faċilitattiv tal-2018 u tal-Inventarju Globali taħt [...] il-Ftehim ta' Pariġi.
- (20) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti l-impenji tal-Istati Membri dwar l-LULUCF sabiex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għall-perijodu mill-2021 sal-2030, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu daww l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹⁶ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-impenji tal-Istati Membri dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira [...] għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2030, kif ukoll ir-regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF u l-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri ma' dawn l-impenji.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsim A tal-Anness I [...], kif rapportati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jseħħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art fit-territorji tal-Istati Membri tul il-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2030:
 - (a) art forestali: użu tal-art rapportat bħala raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra konvertita f'art forestali;
 - (b) art deforestata: użu tal-art rapportat bħala art forestali konvertita fraba', bur, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra;
 - (c) raba' ġestita: użu tal-art rapportat bħala raba' li jibqa' raba' u bur, art mistagħdra, insedjament, art oħra konvertita fraba' u raba' konvertit f'art mistagħdra, insedjament u art oħra;
 - (d) bwar ġestiti: użu tal-art rapportat bħala bur li jibqa' bur u raba', art mistagħdra, insedjament, art oħra konvertita f'bur u bur konvertit f'art mistagħdra, insedjament u art oħra;
 - (e) art forestali ġestita: użu tal-art rapportat bħala foresta li tibqa' foresta.

2. Stat Membru jista' [...] jinkludi emissjonijiet u assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsim A tal-Anness I, kif rapportati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jseħħu f'kategorija ta' kontabbiltà tal-art mistagħdra ġestita, [...] (użu tal-art rapportat bħala art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra, u insedjament, art oħra konvertita f'art mistagħdra u art mistagħdra konvertita f'insedjament u art oħra), fit-territorju tagħha, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. [...] Dan ir-Regolament japplika wkoll għal dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti inklużi minn Stat Membru.
3. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jinkludi l-art mistagħdra ġestita skont l-Artikolu 2, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-perijodu ta' bejn l-2026 u l-2030.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- [...]
- (a) "bir" tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jneħħi gass serra, aerosol, jew prekursor ta' gass serra mill-atmosfera;
 - (b) "sors" tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jirrilaxxa gass serra, aerosol jew prekursor ta' gass serra fl-atmosfera;
 - (c) "ħażna tal-karbonju" tfisser il-massa ta' karbonju maħżun f'raggruppament tal-karbonju;
 - (d) "raggruppament tal-karbonju" tfisser il-karatteristika jew is-sistema bijoġeokimika sħiħa jew parti minnha li fiha jinħażen il-karbonju, kwalunkwe prekursor ta' gass serra li fih il-karbonju jew kwalunkwe gass serra li fih il-karbonju;
 - (e) "prodott tal-injam maħsud" tfisser kwalunkwe prodott tal-injam maħsud li ma jkunx għadu fis-sit fejn jiġi maħsud l-injam;

- (f) "foresta" tfisser żona ta' art definita mill-valuri minimi għad-daqs taż-żona, il-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin, u l-ġholi potenzjali tas-siġar meta jimmaturaw fil-post fejn jikbru s-siġar kif speċifikat għal kull Stat Membru fl- [...] Anness II. Hija tinkludi żoni bis-siġar, inklużi gruppi ta' siġar naturali żgħar li jkunu qed jikbru, jew pjantaġġuni li għad iridu jilħqu l-valuri minimi għall-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin jew ġholi tas-siġar minimu, kif speċifikat [...] fl- Anness II, inkluż kwalunkwe żona li normalment tkun tiffirma parti miż-żona tal-foresta iżda li fuqha temporanjament ma jkun hemm l-ebda siġra b'riżultat ta' intervent tal-bniedem, bħall-ħsad, jew b'riżultat ta' kawżi naturali, iżda li tista' tkun mistennija terġa' ssir foresta;
- (fa) "livell ta' referenza għall-foresti" tfisser stima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti netti annwali medji li jirriżultaw mill-art forestali ġestita fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru tul il-perijodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030 abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; il-livell ta' referenza għall-foresti huwa espress f'tunnellati ta' ekwivalenti CO₂ fis-sena;
- (fb) "valur ta' nofs il-ħajja" tfisser l-ġhadd ta' snin li jridu jgħaddu biex il-kwantità ta' karbonju maħżun f'kategorija tal-prodotti tal-injam maħsud tonqos għal nofs il-valur inizjali tiegħu;
- [...]
- (g) "disturbi naturali" ifissru kwalunkwe avveniment mhux antropoġeniku jew ċirkostanza mhux antropoġenika li jikkawża/tikkawża emissjonijiet sinifikanti fil-foresti u li l-Istat Membru rilevanti ma jkollu l-ebda kontroll fuq l-okkorrenza tiegħu/tagħha, sakemm dak l-Istat Membru, b'mod oġġettiv ma jkunx jista' jillimita b'mod sinifikanti l-effett fuq l-emissjonijiet ta' daww l-avvenimenti jew iċ-ċirkostanzi, anke wara li dawn jokkorru;
- (h) "ossidazzjoni istantanja" tfisser metodu tal-kontabbiltà li jassumi li r-rilaxx fl-atmosfera tal-kwantità sħiħa tal-karbonju maħżun fil-prodotti tal-injam maħsud iseħħ mal-ħsad.

2. Il-Kummissjoni [...] għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14, biex temenda jew tħassar id-definizzjonijiet li jinsabu f'paragrafu 1, jew iżżid definizzjonijiet ġodda fih, sabiex tadatta l-paragrafu 1 għal żviluppi xjentifiċi jew progress tekniku u biex tiżgura l-konsistenza bejn daww id-definizzjonijiet u kwalunkwe bidla f'definizzjonijiet rilevanti fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC [...] (il-"Linji Gwida tal-IPCC") kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 4

Impenji

Għall-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030, waqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 11 u 11a, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ma jaqbwux l-assorbimenti, ikkalkulata bħala s-somma tal-emissjonijiet u l-assorbimenti totali fit-territorju tagħhom fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 kombinat, kif ikkontabbilizzati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Regoli tal-kontabbiltà ġenerali

1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jżomm kontijiet li jirriflettu b'mod preċiż l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istat Membru għandu jiżgura l-preċiżjoni, il-kompletezza, il-konsistenza, il-komparabilità u t-trasparenza tal-kontijiet tagħhom u ta' data oħra pprovduta skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-emissjonijiet b'sinjal pożittiv (+) u l-assorbimenti b'sinjal negattiv (-).
2. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu kwalunkwe għadd doppju ta' emissjonijiet jew assorbimenti, b'mod partikolari [...] billi jiżguraw li l-emissjonijiet u l-assorbimenti mhumie x ikkontabbilizzati taħt aktar minn kategorija waħda ta' kontabbiltà tal-art.

3. L-Istati Membri għandhom jibdlu art forestali, raba', bwar, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra mill-kategorija ta' tali art konvertita f'tip ieħor ta' art għall-kategorija ta' tali art li tibqa' tal-istess tip ta' art wara 20 sena mid-data tal-konverżjoni.
4. L-Istati Membri, fil-kontijiet tagħhom għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art, għandhom jinkludu kwalunkwe bidla fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppament ta' karbonju elenkati fit-Taqsim B tal-Anness I [...]. Stati Membri jista' jagħżel li ma jinkludix fil-kontijiet tagħhom bidliet fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju fejn ir-raggruppament ta' karbonju mhux sors, ħlief għall-bijomassa tal-wiċċ u l-prodotti tal-injam maħsud f'foresti ġestiti.
5. L-Istati Membri għandhom iżommu rekord komplet u preċiż tad-data kollha użata fil-preparazzjoni tal-kontijiet tagħhom.
6. Il-Kummissjoni [...] għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 biex temenda l-Anness I sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 6

Kontabbiltà għall-art forestali u l-art deforestata

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti minn art forestali u art deforestata, bħala emissjonijiet u assorbimenti totali għal kull sena tul il-perijodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030.
2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżit biex jiġi applikat valur prestabbilit fl-Artikolu 5(3), Stat Membru jista' jibdel raba, bwar, art mistagħdra, insedjamenti u art oħra mill-kategorija ta' tali art konvertita f'art forestali għall-kategorija ta' foresta li tibqa' foresta wara 30 sena mid-data tal-konverżjoni, jekk [...] jkun ġustifikat skont il-Linji Gwida tal-IPCC.

3. Fil-kalkoli għall-emissjonijiet u l-assorbimenti fuq art forestali u art deforestata, kull Stat Membru għandu jiddetermina ż-żona tal-foresta bl-użu tal-[...] parametri [...] speċifikati [...] fil-Anness II.

Artikolu 7

Kontabbiltà għar-raba' ġestit, il-bwar ġestiti u l-art mistagħdra ġestita

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mir-raba' ġestita kkalkulata bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perijodi bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030 u jitnaqqas il-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali tal-Istati Membri li jirriżultaw mir-raba' ġestita fil-perijodu bażi tiegħu mill-2005 sal- 2009.
2. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bwar ġestiti kkalkulata bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perijodi bejn l-2021 sal-2025 u bejn l-2026 u l-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u assorbimenti medji annwali tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-bwar ġestiti fil-perijodu bażi tiegħu mill-2005 sal- 2009.
3. [...]
4. L-Istati Membri li [...] jinkludu l-art mistagħdra ġestita [...] skont l-Artikolu 2 għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita, ikkalkulati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perijodi mill-2021 sal-2025 u/jew mill-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita fil-perijodu bażi tiegħu mill- 2005 sal- 2009.

Artikolu 8

Kontabbiltà għall-ġestjoni tal-foresti

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-art forestali ġestita, kkalkulati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa [...] tal-livell ta' referenza għall-foresti tal-Istat Membru kkonċernat [...].

2. Meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 jiġi negattiv fir-rigward tal-livell ta' referenza għall-foresti ta' Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi l-assorbimenti netti totali fil-kontijiet tal-art forestali ġestita ta' mhux aktar minn ekwivalenti ta' 3,5 % [...] tal-emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru fis-sena jew perijodu bażi tiegħu kif speċifikat fl-Anness III, immultiplikat b'ħamsa. [...] L-assorbimenti netti li jirriżultaw mir-raggruppament tal-karbonju ta' prodotti tal-injam maħsud ta' art forestali ġestita m'għandhomx ikunu soġġetti għal din il-limitazzjoni.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom [...] abbażi tal-kriterji li jinsabu fit-Taqsim A tal-Anness IV [...]. Huma għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni [...] rapport nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż livell [...] propost ta' referenza għall-foresti, sal-[31 ta' Diċembru 2018]¹⁷ għall-perijodu bejn l-2021 u l-2025 u sat-30 ta' Ġunju 2023 għall-perijodu mill-2026 sal-2030. Ir-rapport [...] tal-kontabbiltà forestali nazzjonali għandu jinkludi l-elementi kollha elenkati fit-Taqsim [...] B tal-Anness IV [...].
4. Il-livell ta' referenza għall-foresti għandu jkun ibbażat fuq il-kontinwazzjoni tal-prattika u l-intensità tal-ġestjoni forestali [...] sostenibbli, kif dokumentat bejn l-2000 u l-2009 [...] fir-rigward ta' karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età fil-foresti nazzjonali [...]. Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' referenza għall-foresti, proporzjon kostanti bejn l-użu ta' bijomassa tal-foresti solida u tal-enerġija kif dokumentat fil-perijodu mill-2000 sal-2009 għandu jiġi preżunt.

[...] L-Istati Membri għandhom juru konsistenza bejn il-metodi u d-data użata biex [...] jiddeterminaw il-livell ta' referenza għall-foresti propost [...] fir-rapport nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija u dawk użati fir-rapportar għall-art forestali ġestita. [...].

¹⁷ Id-data għandha tiġi deċiża fi stadju aktar tard b'kont meħud taż-żmien ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament.

5. Il-Kummissjoni, [...] f'konsultazzjoni ma' esperti [...] maħtura mill-Istati Membri, għandha [...] twettaq valutazzjoni teknika tar-rapporti nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija ppreżentati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu [...] bil-għan li [...] tivvaluta l-punt sa fejn [...] il-livelli ta' referenza proposti għall-foresti ġew determinati skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-Artikolu 5(1). [...] Il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju tax-xogħol imwettaq, inkluż l-opinjoni espressi mill-esperti maħtura mill-Istati Membri, u l-konklużjonijiet tiegħu.
- Il-Kummissjoni tista' [...] toħroġ rakkomandazzjonijiet tekniċi lill-Istati Membri li jirriflettu l-konklużjonijiet tal-[...] valutazzjoni teknika [...] biex jiffaċilitaw ir-reviżjoni teknika tal-livelli [...] ta' referenza proposti għall-foresti [...]. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rakkomandazzjonijiet tekniċi [...].
- 5a. Fejn huwa meħtieġ abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi [...] u, fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet tekniċi, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw [...] il-proposta riveduta tagħhom tal-livelli ta' referenza għall-foresti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 għall-perijodu mill-2021 sal-2025 u sal-30 ta' Ġunju 2024 għall-perijodu mill-2026 sal-2030. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli ta' referenza proposti għall-foresti kkomunikati mill-Istati Membri.
6. Abbażi tal-[...] livelli ta' referenza proposti għall-foresti ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-[...] valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 5 u b'kont meħud tal-livell ta' referenza propost rivedut għall-foresti ppreżentat skont il-paragrafu 5a, tadotta [...] atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu [...] l-livelli ta' referenza għall-foresti biex jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perijodu bejn l-2021 u l-2025 u għall-perijodu bejn l-2026 u l-2030. [...]

7. [...] Jekk Stat Membru ma jippreżentax [...] il-livell ta' referenza għall-foresti tiegħu lill-Kummissjoni sad-dati speċifikati fil-paragrafu 3 u, fejn applikabbli, il-paragrafu 5a, il-Kummissjoni għandha [...] tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-[...]livell ta' referenza għall-foresti biex jiġi applikati minn dak l-Istat Membru għall-perijodu mill-2021 u sal-2025 u għall-perijodu mill-2026 sal-2030, fid-dawl ta' kwalunkwe valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 5.
- 7a. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 14a [...] sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-perijodu mill-2021 sal-2025 u sal-30 ta' Ġunju 2025 għall-perijodu mill-2026 sal-2030.
- 7b. Sabiex tiġi żgurata konsistenza kif imsemija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jippreżentaw lill-Kummissjoni korrezzjonijiet tekniċi li ma jeħtiġux emendi għall-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafi preċedenti mhux aktar tard mid-dati msemija fl-Artikolu 12 (1).

Artikolu 9

Kontabbiltà għall-prodotti tal-injam maħsud

1. Fil-kontijiet skont l-Artikolu 6(1) u 8(1) relatati mal-prodotti tal-injam maħsud, l-Istati Membri għandhom jirriflettu l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bidliet fir-raggruppament ta' prodotti tal-injam maħsud li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin bl-użu tal-funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad, il-metodoloġiji u skont il-valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja speċifikati fl-Anness V:
- (a) karta;
 - (b) panewijiet tal-injam;
 - (c) injam issegat.

2. L-Istati Membri jistgħu jissupplimentaw dawn il-kategoriji b'informazzjoni dwar prodotti oħra ta' materjali bbażati mill-injam, inkluż il-qxur tas-siġar, dment li d-data disponibbli tkun trasparenti u verifikabbli.

[...]

Artikolu 10

Kontabbiltà għal disturbi naturali

1. [...] Għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-art forestali u l-art forestali ġestita li jirriżultaw minn disturbi naturali li jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perjodu [...] mill-1997 sal-2016, esklużi l-anomaliji statistiċi ("livell ta' bażi") kkalkulati skont dan l-Artikolu u l-Anness VI.
2. Meta Stat Membru japplika l-paragrafu 1, dan għandu:
- a) jippreżenta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-livell ta' bażi għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art determinata fil-paragrafu 1 u dwar id-data u l-metodoloġiji użati skont l-Anness VI u
 - b) [...] jeskludi mill-kontabbiltà sal-2030 l-assorbimenti sussegwenti kollha fuq l-art affettwata minn disturbi naturali.
3. Il-Kummissjoni [...] għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 biex temenda l-Anness VI sabiex tirrevedi l-metodoloġija u r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'dak l-Anness [...] sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 10a

Flessibbiltajiet

1. Stat Membru jista' juża:
 - (a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 11; u
 - (b) il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stipulata fl-Artikolu 11a sabiex jikkonforma mal-impenn fl-Artikolu 4.
2. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fil-punt (da) tal-Artikolu 7(1) [...] tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Amministratur Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE ("l-Amministratur Ċentrali") għandu jipprojbixxi temporanjament dak l-Istat Membru milli jittrasferixxi jew ifaddal skont l-Artikolu 11 (2) u 11 (3) jew juża l-flessibbiltà skont l-Artikolu 11a¹⁸.

Artikolu 11

Flessibbiltajiet ġenerali

1. Meta l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti fi Stat Membru, u dak l-Istat Membru ikun għażel li juża l-flessibbiltà tiegħu u talab li jħassar l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali skont ir-Regolament [ESR], din il-kwantità ser jittieħed kont tagħha għall-konformità tal-Istat Membru mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.
2. Sa fejn l-assorbimenti jaqbżu l-emissjonijiet fi Stat Membru u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ESR], dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità li jifdallu lil Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċeventi mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.
3. Sa fejn l-assorbimenti jaqbżu l-emissjonijiet fi Stat Membru fil-perijodu mill-2021 u sal-2025, u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ESR] [...] jew trasferita lil Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru jista' jfaddal il-kwantità li jifdallu għall-perijodu mill-2026 sal-2030.

¹⁸ Paragrafu mmexxi mill-Artikolu 11 (5).

4. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-kwantità ta' assorbimenti netti meqjusa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [ESR] [...] għandha titnaqqas mill-kwantità disponibbli għat-trasferiment ta' dak l-Istat Membru lil Stat Membru ieħor jew għat-tfaddil skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.
5. [...]

Artikolu 11a

Flessibilità tal-art forestali ġestita

1. Meta l-emissjonijiet totali jaqbu l-assorbimenti fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmijin fl-Artikolu 2 li ġew ikkontabilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibilità tal-art forestali ġestita sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4.
2. Meta r-risultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) ikun pożittiv, l-Istat Membru kkonċernat ikun intitolat li jikkompensa dawn l-emissjonijiet dment li:
- a) l-Istat Membru fl-Istrateġija fit-tul u b'emissjonijiet baxxi tiegħu ppreżentata skont l-[Artikolu 14] tar-Regolament [UE xxxx¹⁹] ikun inkluda miżuri konkreti li għaddejjin jew maħsuba biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-tisħiħ, kif xieraq, ta' bjar u ġibjuni mill-foresti mhux aktar tard mill-2050, u
- b) fi ħdan l-Unjoni l-emissjonijiet totali ma jkunu oġġla mill-assorbimenti fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 għall-perijodu li fih l-Istat Membru jkun biħsiebu juża l-kompens. Meta jiġi vvalutat jekk fl-Unjoni l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju.

¹⁹ Daħħal referenza għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika].

3. [...] Dawn li ġejjin għandhom japplikaw għall-ammont ta' kumpens:
- a) L-Istat Membru kkonċernat jista' jikkumpensa biss għal bir ikkontabbilizzat bħala emissjonijiet kontra l-Livell ta' Referenza tal-Foresti tiegħu; u
 - b) biss sal-ammont massimu ta' kumpens għal dak l-Istat Membru imniżżel fl-Anness VII għall-perijodu mill-2021 sal-2030. [...]

Artikolu 12

Kontroll tal-konformità

1. [...] Sal-15 ta' Marzu 2027 u sal-15 ta' Marzu 2032, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport ta' konformità li jkun fih dan li ġej:
 - (a) il-bilanċ tal-emissjonijiet u l-assorbimenti totali [...] [...] għall-perijodu mill-2021 sal-2025 [...] u mill-2026 sal-2030, rispettivament, fuq kull waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art speċifikati fl-Artikolu 2, skont ir-regoli ta' kontabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament; u
 - (b) meta applikabbli, id-dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet u l-ammonti relatati.
2. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-rapporti tal-konformità għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikolu 4.
- 2a. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta fl-2027, għall-perijodu mill-2021 sal-2025, u fl-2032, għall-perijodu mill-2026 sal-2030, dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti totali tal-Unjoni ta' gassijiet serra għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 ikkalkolata bħala t-total tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rappurtati għall-perijodu u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-medja annwali tal-Unjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti rappurtati fil-perijodu mill-2000 sal-2009.
3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ser tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u konformità skont dan l-Artikolu, b'konformità mal-programm ta' ħidma annwali.

Artikolu 13

Reġistru

1. Il-Kummissjoni għandha [...] tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tirreġistra l-kwantità ta' emissjonijiet u assorbimenti għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art f'kull Stat Membru u tiżgura kontabbiltà preċiża fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 11 u 11a ta' dan ir-Regolament permezz tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.
- 1a. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull transazzjoni skont dan ir-Regolament, u fejn meħtieġ, jimblokka t-transazzjonijiet biex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda irregolarità. [...]
2. [...] L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Artikolu 14

Eżerċizzju ta' delega

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 5(6), [...] 10(3) u 13(1) għal perijodu ta' 5 snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu. [...]

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-[...] Artikoli 3(2), 5(6), [...] 10(3) u 13(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' [...] revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet [...].
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont [...] l-Artikoli 3(2), 5(6), [...] 10(3) u 13(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14a

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit mir-Regolament (UE) 525/2013. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Rieżami

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinżammu taħt rieżami [...] b'kont meħud, fost l-oħrajn, taċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu qegħdin jevolvu, l-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi li saru biex jintlaħqu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill [...] fi żmien sitt xhur wara kull bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 globali tal-Unjoni [...] u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ tal-gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u tista' tagħmel proposti jekk xieraq.

Artikolu 16

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 525/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 [...] huwa hawn emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7(1) huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħal il-punt [...] li ġej:

"(da) [...] mill-2023, l-emissjonijiet u l-assorbimenti koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament [LULUCE] [...] skont il-metodoloġiji speċifikati fl-Anness IIIa għal dan ir-Regolament;

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Stat Membru jista' jitlob deroga mill-punt (da) tal-ewwel subparagrafu biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fl-Anness IIIa jekk it-titjib tal-metodoloġija meħtieġ ma setax jinkiseb fil-ħin biex jitqies it-titjib fl-inventarji tal-gassijiet serra tal-perijodu bejn l-2021 u l-2030, jew l-ispiża tat-titjib tal-metodoloġija jkun għoli b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji tal-applikazzjoni ta' tali metodoloġija biex tittejjeb il-kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minħabba l-importanza baxxa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mir-raggruppamenti ta' karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mid-deroga għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, fejn jindikaw l-iskeda ta' żmien sa meta it-titjib tal-metodoloġija jista' jiġi implimentat u/jew il-metodoloġija alternattiva proposta, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali fuq l-eżattezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f'perijodu ta' żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti d-deroga. Jekk it-talba tiġi miċħuda, il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha."

(2) Fl-Artikolu 13(1)(c), jiddaħħal il-punt [...] li ġej:

"(ix) [...] mill-2023, informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali implimentati biex jintlaħqu l-impenji tagħhom skont ir-Regolament [LULUCF] u informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati u miżuri maħsuba bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li jtejbju bjar lil hinn mill-impenji tagħhom skont dak ir-Regolament;"

(3) Fl-Artikolu 14(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(bb) [...] mill-2023, projezzjonijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra totali u stimi separati għall-emissjonijiet u assorbimenti ta' gassijiet serra previsti koperti mir-Regolament [LULUCF]",

(4) Jiddaħħal l-Anness IIIa li ġej:

"Anness IIIa

Metodoloġiji għall-monitoraġġ u r-rapportar imsemmija fil-punt (da) tal-Artikolu 7 (1)

Approċċ 3: Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Il-metodoloġija tal-Grad 1 [...] skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jifforma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li hija prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu għandha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju ta' gassijiet serra totali ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 [...] skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 [...], skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006. "

Artikolu 16a

Emenda għad-Deċizzjoni (UE) Nru 529/2013

Fid-Deċizzjoni Nru 529/2013/UE, jitħassar l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 6(4).

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Anness I: Il-gassijiet serra u raggruppamenti tal-karbonju

A. Gassijiet serra skont l-Artikolu 2:

- (a) id-diossidu tal-karbonju (CO₂);
- (b) il-metan (CH₄);
- (c) l-ossidu nitruż (N₂O)

espressi f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO₂ determinat skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

B. Raggruppamenti tal-karbonju skont l-Artikolu 5(4):

- (a) il-bijomassa tal-wiċċ;
- (b) il-bijomassa ta' taħt l-art;
- (c) iż-żibel;
- (d) l-injam mejjet;
- (e) il-karbonju organiku fil-ħamrija;
- (f) għall-art afforestata u għall-art afforestata ġestita il-prodotti tal-injam maħsud.

Anness II: Il-valuri minimi għad-daqs tal-erja, il-kopertura tal-qċaċet tas-siġar u l-għoli tas-siġar [...]

Il-valuri minimi għad-daqs tal-erja, il-kopertura tal-qċaċet tas-siġar u l-għoli tas-siġar			
Stat Membru	L-erja (ħa)	Il-kopertura tal-qċaċet (%)	L-għoli tas-siġar (m)
Belġju	0,5	20	5
Bulgarija	0,1	10	5
Kroazja	0,1	10	2
Repubblika Ċeka	0,05	30	2
Danimarka	0,5	10	5
Ġermanja	0,1	10	5
Estonja	0,5	30	2
Irlanda	0,1	20	5
Greċja	0,3	25	2
Spanja	1,0	20	3
Franza	0,5	10	5
Italja	0,5	10	5
Ċipru	<u>0,3</u>	<u>10</u>	<u>5</u>
Latvja	0,1	20	5
Litwanja	0,1	30	5
Lussemburgu	0,5	10	5
Ungerija	0,5	30	5
Malta	<u>1,0</u>	<u>30</u>	<u>5</u>
Netherlands	0,5	20	5
Awstrija	0,05	30	2
Polonja	0,1	10	2

Portugall	1,0	10	5
Rumanija	0,25	10	5
Slovenja	0,25	30	2
Slovakkja	0,3	20	5
Finlandja	0,5	10	5
Żvezja	0,5	10	5
Renju Unit	0,1	20	2

[...]

Anness III: Is-snin bażi għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu massimu skont l-Artikolu 8(2)²⁰

Stat Membru	Is-Sena Baži
Belġju	1990
Bulgarija	1988
Kroazja	1990
Repubblika Ċeka	1990
Danimarka	1990
Ġermanja	1990
Estonja	1990
Irlanda	1990
Greċja	1990
Spanja	1990
Franza	1990
Italja	1990
Ċipru	<u>1990</u>
Latvja	1990
Litwanja	1990
Lussemburgu	1990
Ungerija	1985/-87
Malta	<u>1990</u>
Netherlands	1990
Awstrija	1990
Polonja	1988

²⁰ It-tfassir tal-Anness III bbażat fuq l-alternattiva magħżula ta' limitu massimu bbażat fuq erja ta' foresti kif stabbilit fl-Artikolu 8(2).

Portugall	1990
Rumanija	1989
Slovenja	1986
Slovakkja	1990
Finlandja	1990
Żvezja	1990
Renju Unit	1990

[...]

Anness IV: Ir-rapport [...] nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija li fih il-livell ta' referenza aġġornat għall-foresti ta' Stat Membru

A. Kriterji u gwida biex jiġu determinati l-livelli ta' referenza għall-foresti

Il-livelli ta' referenza għall-foresti ta' Stat Membru għandhom jiġu determinati skont il-kriterji li ġejjin:

- (a) Il-livelli ta' referenza għandhom ikunu konsistenti mal-mira li jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar tal-gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, inkluż iż-żieda tal-assorbimenti potenzjali minn stokkijiet ta' foresti li qed jixxjehu, li b'mod ieħor jistgħu juru bir li qed jonqos progressivament;
- (b) Il-livelli ta' referenza għandhom jiżguraw li s-sempliċi preżenza ta' ħażniet tal-karbonju hija eskluża mill-kontabbiltà;
- (c) Il-livelli ta' referenza għandhom jiżguraw sistema robusta u kredibbli tal-kontabbiltà, biex jiggarantixxu li l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-użu tal-bijomassa ssirihom il-kontabbiltà kif support;
- (d) Il-livelli ta' referenza għandhom jinkludu r-raggruppament tal-karbonju tal-prodotti tal-injam maħsud filwaqt li jipprovdu tqabbil bejn l-ossidazzjoni istantanja assunta u l-applikazzjoni tal-funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad u l-valuri ta' nofs il-ħajja;
- (e) Il-livelli ta' referenza għandhom [...] ikunu konsistenti mal-oġettiv li jsir kontribut għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, il-politiki dwar il-foresti nazzjonali tal-Istati Membri, u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità;
- (ea) Il-livelli ta' referenza għandhom iqisu, fejn applikabbli, l-okkupazzjoni tat-territorju, iż-żmien tal-gwerra u ċ-ċirkostanzi ta' wara l-gwerra li għandhom impatt fuq il-ġestjoni tal-foresti matul il-perijodu ta' referenza;

- (f) Il-livelli ta' referenza għandhom ikunu konsistenti mal-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar kif irrappurtati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013;
- (g) Il-livelli ta' referenza għandhom ikunu konsistenti mal-inventarji tal-gassijiet serra u mad-data storika rilevanti u għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni trasparenti, kompluta, konsistenti, komparabbli u preċiża. B'mod partikulari, il-mudell użat biex jitfassal il-livell ta' referenza għandu jkun kapaċi jirriproduċu data storika mill-inventarju nazzjonali tal-gassijiet serra.

[...]

[...] B. Elementi tar-rapport [...] nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija

[...] Ir-rapport nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija mressaq skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

- (a) Deskrizzjoni ġenerali tat-tfassil tal-livell ta' referenza u deskrizzjoni dwar kif dawn il-kriterji tqiesu f'dan ir-Regolament;
- (b) L-identifikazzjoni tar-raggruppamenti tal-karbonju u l-gassijiet serra li ġew inklużi fil-livell ta' referenza, ir-raġunijiet għala raggruppament tal-karbonju tħalla barra mit-tfassil tal-livell ta' referenza u turija tal-konsistenza bejn il-raggruppament inklużi fil-livell ta' referenza;
- (c) Deskrizzjoni ta' approċċi, metodi u mudelli, inkluża informazzjoni kwantitattiva, użati fit-tfassil tal-livell ta' referenza, konsistenti mal-aktar rapport tal-inventarju nazzjonali reċenti u l-informazzjoni dokumentarja dwar il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli u l-intensità tal-foresti u politiki nazzjonali adottati;

[...]

- (d) Informazzjoni dwar kif ir-rati tal-ħsad huma mistennija jiżviluppaw taħt xenarji ta' politika differenti;

- (e) Deskrizzjoni ta' kif kull wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin tqiesu fit-tfassil tal-livell ta' referenza:
- (1) L-żona soġġetta għal ġestjoni tal-foresti;
 - (2) L-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-foresti u mill-prodotti tal-injam maħsud kif jidher fl-inventarji tal-gassijiet serra u fid-data storika rilevanti,
 - (3) Karatteristiċi tal-foresti, inkluż [...] karatteristiċi dinamiċi tal-foresti relatati mal-età, żidiet, it-tul ta' rotazzjoni u informazzjoni oħra dwar attivitajiet ta' ġestjoni tal-foresti taħt "xenarju ta' żamma tal-istatus quo";
 - (4) Ir-rati storiċi u futuri tal-ħsad diżaggregati bejn l-enerġija u l-użi mhux tal-enerġija.

Anness V: Funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad u valuri standard ta' nofs il-ħajja għall-prodotti tal-injam maħsud

Kwestjonijiet metodoloġiċi

- Jekk ma jkunx possibbli li ssir distinzjoni bejn il-prodotti tal-injam maħsud fuq l-art afforestata u fuq l-art forestali ġestita, Stat Membru jista' jagħżel li jgħodd il-prodotti tal-injam maħsud bil-preżunzjoni li l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha seħħew fuq art forestali ġestita.
- Il-prodotti tal-injam maħsud fil-miżbljet ta' skart solidu u l-prodotti tal-injam maħsud għall-finijiet tal-enerġija għandhom jingħaddu abbażi ta' ossidazzjoni istantanja.
- Il-prodotti importati tal-injam maħsud, irrISPettivament mill-oriġini tagħhom, ma għandhomx jingħaddu mill-Istat Membru li jkun qed jimpurtahom ("l-approċċ ta' produzzjoni").
- Għal prodotti tal-injam maħsud esportati, id-data speċifika għall-pajjiż tirreferi għall-valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż u l-użu ta' prodotti tal-injam maħsud fil-pajjiż li qed jimpurtahom.
- Il-valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż għal prodotti tal-injam maħsud imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ma għandhomx jiddevjaw minn daww użati mill-Istat Membru importatur.
- Għall-finijiet ta' informazzjoni biss, fis-sottomissjoni tagħhom l-Istati Membri jistgħu jipprovdu data dwar is-sehem tal-injam għall-finijiet ta' enerġija li kien importat minn barra l-Unjoni, u l-pajjiżi ta' oriġini ta' tali injam.

L-Istati Membri jistgħu jużaw metodoloġiji u valuri ta' nofs il-ħajja speċifiċi għall-pajjiż minflok il-metodoloġiji u l-valuri standard ta' nofs il-ħajja speċifikati f'dan l-Anness, sakemm daww il-metodoloġiji u l-valuri jiġu ddeterminati abbażi ta' data trasparenti u verifikabbli u li l-metodi użati jkunu tal-anqas dettaljati u preċiżi daqs daww speċifikati fl-Anness III.

Funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad kif deskritta fl-aħħar Gwida tal-IPCC, li tibda b'i = 1900 u tkompli sas-sena attwali.

[...]

Valuri standard ta' nofs il-ħajja:

Valur ta' nofs il-ħajja tfisser l-għadd ta' snin li jridu jgħaddu biex il-kwantità ta' karbonju maħżun f'kategorija waħda tal-prodotti tal-injam maħsud tonqos għal nofs il-valur inizjali tiegħu. Valuri standard ta' nofs il-ħajja (HL):

- (a) sentejn għall-karta
- (b) 25 sena għall-panewijiet tal-injam
- (c) 35 sena għall-injam isseġat.

L-Istati Membri jistgħu jissupplimentaw daww il-kategoriji b'informazzjoni dwar il-qxur tas-siġar, dment li d-data disponibbli tkun trasparenti u verifikabbli. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll subkategoriji speċifiċi għall-pajjiż ta' kwalunkwe kategorija minn dawn.

Anness VI: Kalkolu tal-livelli ta' bażi għal disturbi naturali

1. Għall-kalkolu tal-livell ta' bażi għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-livelli storiċi ta' emissjonijiet ikkawżati minn disturbi naturali;
- (b) it-tip(i) ta' disturbi naturali inklużi fl-istima;
- (c) l-istimi tat-total ta' emissjonijiet annwali għal daww it-tipi ta' disturbi naturali għall-perijodu 2001-2020, elenkati skont il-kategoriji tal-kontabbiltà tal-art;
- (d) dimostrazzjoni tal-konsistenza fis-serje temporali fil-parametri rilevanti kollha, inklużi ż-żona minima, il-metodoloġiji għall-istima tal-emissjonijiet, il-koperturi ta' raggruppamenti u gassijiet.

2. Il-livell ta' bażi jiġi kkalkulat b'hal l-medja tas-serje temporali 1997-2016, eskluż is-snin kollha fejn jiġu reġistrati livelli anormali ta' emissjonijiet, jiġifieri esklużi l-livelli statistiċi kollha barra l-limitu. L-identifikazzjoni tal-livelli statistiċi barra l-limitu għandha ssir kif ġej:

- (a) ikkalkula l-valur aritmetiku medju u d-devjazzjoni standard tas-serje temporali kollha 1997-2016;
- (b) eskcludi mis-serje temporali s-snin kollha fejn l-emissjonijiet annwali jkunu barra mid-doppju tad-devjazzjoni standard madwar il-medja;
- (c) ikkalkula mill-ġdid il-valur aritmetiku medju u d-devjazzjoni standard tas-serje temporali 1997-2016 u naqqas is-snin esklużi f'(b);
- (d) irrepeti (b) u (c) sakemm ma jiġi identifikat ebda livell barra l-limitu.

3. Wara li jiġi kkalkolat il-livell ta' bażi skont il-punt 2 ta' dan l-Anness, jekk l-emissjonijiet f'sena partikolari fil-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030 jaqbu l-livell ta' bażi kif ukoll il-marġini, l-ammont ta' emissjonijiet li jaqbu l-livell ta' bażi jista' jiġi eskluż skont l-Artikolu 10. Il-marġni għandu jkun ugwal għal livell ta' probabilità ta' 95 %.

4. L-emissjonijiet li ġejjin ma jistgħux jiġu esklużi:

- (a) l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' hsa u qtugħ ta' salvataġġ li twettqu fuq daww l-artijiet wara l-okkorrenza tad-disturbi naturali;
- (b) l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-ħruq preskritt li jkun seħħ fuq daww l-artijiet f'dik is-sena partikolari tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030;
- (c) l-emissjonijiet fuq artijiet li kienu soġġetti għal deforestazzjoni wara l-okkorrenza ta' disturbi naturali.

5. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) jinkludu dan li ġej:

- (a) l-identifikazzjoni taż-żoni tal-artijiet kollha affettwati minn disturbi naturali f'dik is-sena partikolari, inklużi ż-żona ġeografika tagħhom, is-sena u t-tipi ta' disturbi naturali;
- (b) evidenza li ma tkun seħħet ebda deforestazzjoni matul il-bqija tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030 fuq artijiet li kienu affettwati minn disturbi naturali u li fir-rigward tagħhom l-emissjonijiet ġew esklużi mill-kontijiet;

- (c) deskrizzjoni ta' metodi u kriterji verifikabbli li għandhom jintużaw biex tiġi identifikata d-deforestazzjoni fuq dawk l-artijiet fis-snin ta' wara tal-perijodu mill-2021 sal-2025 jew mill-2026 sal-2030;
- (d) fejn hu fattibbli, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru ħa biex jipprevjeni jew jillimita l-impatt ta' dawk id-disturbi naturali;
- (e) fejn hu fattibbli, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru ħa biex jirriabilita l-artijiet affettwati minn dawk id-disturbi naturali.

Anness VII: L-ammont massimu ta' kumpens disponibbli taħt il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita msemija fl-Artikolu 11a(3)(a)

Stat Membru	Bjar tal-foresti medji rrapportati għall-perijodu mill-2000 sal-2009 f'miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO2 fis-sena	Limitu ta' kumpens espress f'miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO2 għall-perijodu mill-2021 sal-2030
Awstrija	-5,34	-17,1
Belġju	-3,61	-2,2
Bulgarija	-9,31	-5,6
Repubblika Ċeka	-5,14	-3,1
Ċipru	-0,15	-0,03
Ġermanja	-45,94	-27,6
Danimarka	-0,56	-0,1
Estonja	-3,07	-9,8
Greċja	-1,75	-1,0
Spanja	-26,51	-15,9
Finlandja	-36,79	-44,1
Franza	-51,23	-61,5
Kroazja	-8,04	-9,6
Ungerija	-1,58	-0,9
Irlanda	-0,85	-0,2
Italja	-24,17	-14,5
Litwanja	-5,71	-3,4
Lussemburgu	-0,49	-0,3
Latvja	-8,01	-25,6
Malta	0,00	0,0
Netherlands	-1,72	-0,3
Polonja	-37,50	-22,5
Portugall	-5,13	-6,2
Rumanija	-22,34	-13,4
Żvezja	-39,55	-47,5
Slovakkja	-5,42	-6,5
Slovenja	-5,38	-17,2
Renju Unit	-16,37	-3,3